MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2009

Numru. 449/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**Versus**

**Jesmond Bugeja.**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Jesmond Bugeja ta’ 34 sena, bin Francis u Teresa nee Muscat, imwieled tal-Pieta’ nhar it-8 t’Awwissu 1970 u residenti 44 San Anton Court Trqi il-Papa Ġwanni XXIII Birkirkara detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 376470 (M)

2. Akkużat talli f’dawn il-Gżejjer fl-10 ta’ Settembru 2004 ġewwa l-Imsida u bnadi oħra f’Malta

a) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina, speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi

Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jw li jforni d-droga msemmija u met ama kienx b'xi mod ieħor bil-Liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu esklussiv tiegħu skond ir-riċetta kif provdut bir-r
regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta **liema droga nstabet f'ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tal-imputat.**

b) Kif ukoll talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi kkommetta dawn ir-reati fi jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club, jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

ċ) Ukoll talli sar reċidiv skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar id-19 ta' Novembru 2001 mill-Maġistrat Dr.C.Peralta LL.D. liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

d) Kif ukoll talli kiser il-kondizzjoni mogħtija lili mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar is-27 ta' Ġunju 2003 mill-Maġistrat Dr.L.Quintano LL.D. liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

3. Il-Qorti ntalbet ukoll tapplika l-artikolu 533 dwar il-ħatriet ta' esperti f'każ sejbien ta' ħtija.

4. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali tal-20 ta' Settembru 2004, iċ-ċertifikat tat-twelid li jġib in-numru 3764 tal-1970, il-fedina penal ital-imputat (fol 7 sa 23), il-ħatra tal-Ispiżjar Mario Mifsud sabiex jagħmel l-analiżi (fol.46), l-eżenzjoni li għamlet id-Difiża

(fol 53) sabiex il-Prosekuzzjoni ma toqgħodx ittella' xhieda għall-prova tal-identifikazzjoni tas-sentenzi ppreżentati (Dok PG4 u PG 5)(fol56 et), ir-relazzjoni tal-Ispiżjar Mario Mifsud (fol 66), il-ħatra ta' Uffiċjal tal-Probation Services sabiex jagħmel social and inquiry report (fol.87), il-kopja ta' dan is-social and inquiry report a fol 93 u d-dokument VS a fol.108 li huwa ċertifikat rilaxxjat minn Dr.Antoine Ellu.

5. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament

6. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli difensur.

Ikkonsidrat

7. Skond PS 579 Antoine Micallef (fol.34) u PC 10 Trevor Cassar Mallia (fol.37), il-Pulizija kienu sabu lill-imputat fil-Winter Bar. Waqt li kienet qed issir strip search fuq l-imputat, il-Pulizija kienu elevaw borża li fiha kien hemm ħames boroż bi trab kannella. Huwa kien pprova jirreżisti u waqt li kien qed jittieħed fil-karozza daħħal idu fil-qalziet u pprova jarmi xi ħaġa.

8. PC 213 Nicolai Borg (fol.40) xehed li meta l-imputat kien mgħarraf li kienet ser issir strip search beda jistaqsi 'Għalfejn?' u rah idaħħal idejh fil-jeans. Huma ma ħallewhx jagħmel dan u mmannettjawh. Huma kienu sabu s-sustanza suspettuża meta rnexxilehom ineħħulu l-qalziet. (fol.41).

9. L-Ispettur Pierre Grech ippreżenta l-esibit li fih kien hemm l-allegata droga. (Fol.47) u ż-żewġ sentenzi (fol.54)

10. L-Ispiżjar Mario Mifsud ippreżenta r-relazzjoni tiegħu u kkonferma li s-sustanza misjuba kienet eroina, li kienet tiżen 0.851 grammi, u li kien hemm ħames pakketti li kienu jiżnu 0.175, 0.178, 0.167, 0.164, 0.167 grammi.

**Difiża**

11. Għad-difiża xehdet omm l-imputat li qalet li binha kien inbidel minn meta kien ħareġ mill-ħabs. Issa kien qed jimxi mal-familja sew. Huwa kien qata' l-vizzju tad-droga. Qabel kien għamel ħafna ħsara fil-mudullun ta' siequ.

12. L-istess xehdet il-mara tal-imputat fis-seduta tal-15 ta' Diċembru 2008. Hi kkonfermat li kient saret bidla enormi fir-raġel tagħha u li issa kien sar raġel tal-familja.

13. Xehdet ukoll il-Probation Officer Mary Rose Farrugia li ppreżentat ir-rapport tagħha. Jirriżulta li l-imputat beda żewġ programmi tad-droga u ma komplihomx. Minn fol 7 jidher li d-droga ħalliet effetti fuq is-saħħa tal-imputat u għalhekk 9 u minħaba l-fedina penali tiegħu) l-imputat kien qed isibha diffiċli biex isib jaħdem. Huwa beda jabbuża mid-droga minn meta kellu ħmistax-il sena. Sal 15 t'Ottubru tas-sena 2007 (id-data aħħarija tar-rapport) l-imputat kien qed jipprova jikkontrolla l-problema tad-droga billijżomm kuntatt mad-detox centre. Il-kampjuni kienu fil-fatt qed jagħtu riżultat negattiv.

14. Dr Ellul tad-Detox Centre fir-rapport li għamel lill-Probation Officer qal li l-imputat kien qed jieħu l-kura tiegħu bis-serjeta'. (fol.97). Il-Probation Officer qalet ukoll li ien sar test quddiemha u r-riżultat kien negative. (Fol.98).

15. Xehdet ukoll Vicky Scicluna, rappreżentantat tas-Sedqa, li qalet li l-imputat kien għamel progress kbir. (Fol.105) L-imputat kien bniedem kaotiku u aġitat iżda issa sar aktar raġonevoli.

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

16. Mir-riżultati forensiċi u okulari jirriżulta bla ebda dubju li l-imputat kellu l-pussess ta' l-eroina u dan f'ammont ta' 0.851 grammi.

17. Mir-riżultat forensiku jidher li l-imputat kellu ħames pakketti li l-użin tagħhom kien prattikament identiku kif jidher mir-rapport u mill-figuri mogħtija fil-paragrafu 10.

18. Fit-trattazzjoni d-difiża ssottolineat żewġ aspetti: il-bidla li għamel l-imputat u l-fatt li hu kien ilu drug addict għal ħafna snin u li kien jabbuża sew.

19. Il-Qorti kkunsidrat dawn il-kummenti kif ukoll (a) l-ammont misjub; (b) il-mod kif kien mqassam; (ċ) u fejn instab. L-imputat **instab f'bar bl-**eroina mqassma b'qisien kważi eżatt.

20. Il-Qorti mhix konvinta li din l-eroina kienet intiża għall-imputat biss, kellu kemm kellu vizzju tad-droga. Il-fatt li għandek il-vizzju tad-droga ma jfissirx li int ma tispaċċjax u ċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ jippuntaw kollha kemm huma lejn il-pussess aggravat. **L-ammont mhux wieħed żgħir u x'kien qed jagħmel l-imputat f'bar bid-droga mqassma f'ħames pakketti identiċi?**

21. Għalhekk il-Qorti qed tiddeċiedi li l-Prosekuzzjoni ppruvat l-ewwel imputazzjoni.

22. Il-Prosekuzzjoni ma ppruvatx it-tieni imputazzjoni jew aħjar l-aggravju tad-distanza għaliex dan l-aggravju la kien ammess u lanqas ma nħatar xi perit biex ikejjel id-distanza.

23. It-tielet imputazzjoni hija ppruvata wkoll għaliex f'sentenza minnhom (mogħtija fid-19 ta' Novembru 2001) l-imputat kien ikkundannat iħallas multa u l-perjodu ta' ħames snin ma kienx għadda. (Data tar-reat: 10 ta' Settembru 2004.)

24. Ir-raba' imptuazzjoni hija ppruvat awkoll għaliex l-imputat wettaq ir-reat fi żmien meta kien għadu m'għaddiex iż-żmien tal-liberta' b'kundizzjoni. (Sentenza 27 ta' Ġunju 2003; żmien tal-liberta' b'kundizzjoni – sentejn. Data tar-reat: 10 ta' Settembru 2004)

**Konklużjoni**

25. Il-Qorti, wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii), il-proviso dwar id-distanza li jidher bħala t-tieni wieħed taħt l-artikolu 22(2)(b)(i)(ii) – kollha tal-Kap

101 kif ukoll ir-regolament 9 tal-GN 292/1939, l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 u l-artikolu 23 tal-Kap 446 issib lill-imputat ħati tal-ewwel, tat-tielet u tar-raba’ imputazzjoni iżda mhux tal-aggravju li jidher bħala t-tieni imputazzjoni u għalhekk qed tilliberah mit-tieni imputazzjoni.

26. Dwar il-piena, il-Qorti qed tqis li l-imputat għandh fedina penali xejn nadifa, li huwa reċidiv u li wettaq dan ir-reat meta kien għadu kif ħa sentenza tal-liberta’ b’kundizzjoni. Qed tqis ukoll ir-rapport pożittivi mogħtija dwaru mid-diversi xhieda li tellgħet id-difiża. Għalhekk il-Qorti qed tikkonsidra wkoll li fil-mori ta’ dawn il-proċeduri l-imputat inbidel sew.

27. Il-Qorti, wara qieset ukoll l-artikolu 17(b) tal-Kap 9 qed tikkundanna lill-imputat għal piena ta’ priġunerija ta’ ħdax-il xahar u għall-ħlas ta’ multa ta’ €600 liema multa tista’ titħallas b’rata ta’ €50 kull xahar bl-ewwel pagament isir fi żmien erba’ ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ ikun dovut f’daqqa. Jekk xi parti minn din il-multa ma titħallasx din għandha tinbidel f’jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.

28. Ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħalls l-ispejjeż tal-espert maħtur li jammontaw għal €286.63 (Lm123.02) liema spejjeż jinbidlu f’perjodu ta’ priġunerija skond il-Liġi jekk ma jithallsux.

29. Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt il-ħarsien tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------